**Santa Luċija**

**Minuti**

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Numru 52/2023**

**20 ta' Frar 2023**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-05:30 p.m.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Charmaine St John | Sindku |
| Frederick Cutajar | Viċi Sindku |
| Terrence Ellul | Kunsillier |
| Kylie D'Amato | Kunsilliera |
| Liam Sciberras | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv |

**Assenti b'Apoloġiji (Skond Ordni Permanenti 14A (3))** :

Ħadd

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**52.01 Talba**

52.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**52.02 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

52.02.01 Is-S.E. informa li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**52.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 50-23 u 51-23**

52.03.01 Il-Minuti tal-Laqgħa 50-23 kienu ġew iċ-ċirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Minuti ġew approvati unanimament bil-Kunsillier Ellul jipproponi u l-Viċi Sindku jissekonda.

52.03.02 Il-Minuti tal-Laqgħa 51-23 kienu ġew iċ-ċirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Minuti ġew approvati unanimament bis-Sindku tipproponi u l-Kunsilliera D'Amato tissekonda.

**52.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

52.04.01 Is-Sindku nfurmat li l-BCRS kienu nfurmawna li kienu approvaw li r-*Reverse Vending Machine* issir fil-Pjazzetta ta' quddiem l-Għassa kif issuġġerixxa l-Kunsill.

52.04.02 Rigward l-*embellishment* fil-Ġnien is-Serenita', s-Sindku nfurmat li l-PWD kienu aċċettaw li jieħdu ħsieb ix-xogħol tal-ħitan minn barra bil-Kunsill jipprovdi l-materjal. Il-*Bollards* kienu waslu u bdew jeħlu filwaqt li l-fanali kienu ġew ordnati.

52.04.03 Is-Sindku nfurmat li kienet ġiet avviċinata minn *Right to Smile* sabiex jorganizzaw attività fil-Ġnien is-Serenita f'Mejju li ġej. Il-Kunsill approva din l-attività. Hija qalet ukoll li l-istess *Right to Smile* kienu issuġġerew li jsiru *Pocket Gardens* ġewwa diversi postijiet li jkunu r-responsabbiltà tagħhom flimkien mal-iskola u l-*Active Aging* fost l-oħrajn. Dan ġie approvat.

52.04.04 Is-Sindku spjegat li rigward il-*Bus Shelters* konna qed niġru kontinwament wara *Infrastructure Malta (IM)* u *Faces* sabiex dawn jeħlu kemm jista' jkun malajr. Is-S.E. informa li kien reġa' bagħat id-dokumenti iffirmati kollha lil *Faces* u issa qed nistennew data meta dawn ser jibdew jeħlu.

52.04.05 Rigward ix-xogħlijiet pendenti minn *Infrastructure Malta*, s-Sindku nfurmat li konna rġajna ktibna dwarhom u dawn wegħduna li sal-aħħar ta' Frar ikunu bdew jiġu ndirizzati. Rigward iz-*Zebra Crossing* f'Dawret it-Torri ġie deċiż li nkellmu lil Transport Malta sabiex din titressaq minn fejn hi peress li qiegħda fil-kantuniera u ladarba jeħlu l-*Belisha Lights*, ser tkun iktar diffiċli għal karozzi tal-linja sabiex iduru.

52.04.06 Is-Sindku spjegat li flimkien mas-S.E. kellha laqgħa mas-CEO ta' *Project Green* fejn ġew diskussi diversi siti fejn il-Kunsill jista' japplika sabiex jibbenefika mill-iskema ta' € 10 Miljuni. Hija qalet li l-għażla waqgħet fuq Triq il-Freżja fejn ġie ssuġġerit li jsir *reservoir* sabiex minnu jissaqqew is-siġar li ser ikun hemm fuq il-post. Kien hemm qbil li jekk ser isir *reservoir*, għandna nitolbu li jsir EIA. Kien hemm qbil ukoll li ma Triq il-Freżja tiżdied ftit *soft area* oħra li hemm fil-viċin filwaqt li naraw jekk ikunx possibbli li jsir *underground parking* filwaqt li jitranġa l-ġibjun u jsir *gazebo* ħdejh u possibbilment *solar water farm*.

52.04.07 Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa ma' kuntrattur Ċiniż li kien involut fil-bini tal-Ġnien tas-Serenita' fejn konna tlabna kwotazzjoni għal *Maintenance Agreement* minn esperti Ċiniżi.

52.04.08 Is-Sindku spjegat li l-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar kien nieda skema għall-*upgrading* ta' Latrini Pubbliċi u l-Kunsill ikkonferma li kien ser jitlob sabiex titranġa l-Latrina Pubblika ta' ħdejn il-*ground*. Għal dan il-għan ser jitqabbad il-Perit tal-Kunsill sabiex iħejji d-dokumenti neċessarji sabiex inkunu nistgħu napplikaw.

52.04.09 Is-Sindku nfurmat li kienet ġiet avviċinata mill-organizzaturi ta' Iġri Malta 23 li ser issir ġewwa Santa Luċija fejn dawn talbu l-għajnuna tal-Kunsill għal din l-attività. Fuq suġġeriment tas-Sindku, ġie approvat li l-Kunsill ma jżommx tal-ispejjeż relatati ma' din l-attività kif ukoll li jħallas tal-ispejjeż sabiex ikun hemm Ambulanza waqt l-istess attività.

52.04.10 Is-Sindku nfurmat li x-xogħol fuq l-*upgrading* tal-*pitch* tal-boċċi kien beda u ġie approvat li jinxtara injam sabiex iservi ta' lqugħ għal madwar l-istess *pitch* minn ġewwa.

52.04.11 Is-Sindku nfurmat li konna rċivejna notifika mingħand *Infrastructure Malta* li numru ta' siġar li kienu parti mill-proġett ta' Santa Luċija issa kienu ser jgħaddu taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill.

***Peress li kienet waslet l-Accountant tal-Kunsill, is-Sindku ipproponiet illi l-Items fuq l-Agenda 7 u 8 jigu diskussi qabel Item 5. Il-Kunsillier Sciberras issekonda din il-proposta.***

**52.07 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* għas-sena 2022**

52.07.01 L-*Accountant* tal-Kunsill tat-spjega dwar il-*Financial Statements* li kienu tqassmu qabel lill-membri. Hija spjegat fost l-oħrajn li din is-sena għandha tkun l-aħħar sena li fiha qed naraw ammont qawwi ta' *Depreciation* u li mis-sena preżenti, dan l-ammont għandu jonqos drastikament. Hija spjegat ukoll li fis-sena 2022 kien hemm ammont iktar mis-soltu taħt l-*Account* ta' xogħlijiet u spjegat kif jidher li dan kien kaġun tal-fatt li xi *invoices* għal xogħlijiet li kienu saru matul l-2021 kienu waslu fl-2022 u li dwarhom ma kienux saru *provisions*. Wara din l-ispjegazzjoni, l-*Financial Statements* ġew approvati unanimament.

**52.08 Rapport Finanzjarju – Ir-Raba' Kwart Jannar / Diċembru 2022**

52.08.01 L-*Accountant* spjegat li r-raba' rapport finanzjarju għas-sena 2022 isegwi fuq il-passi ta' dawk ta' qablu fejn juri bilanċ tajjeb bejn id-dħul u l-infieq. Hija spjegat li fl-aħħar tas-sena kien hemm *surplus* ta' flus il-bank peress li l-Kunsill kien irċieva diversi ammonti ta' flus bil-quddiem għad-diversi skemi li kien ibbenefika minnhom matul l-2023. Hija qalet li dawn l-ammonti u oħrajn magħhom ser jiġu utilizzati matul l-2023 iżda l-finanzi tal-Kunsill huma fis-sod u ma hemmx problemi. Wara din l-ispjegazzjoni, r-Rapport Finanzjarju ġie approvat unanimament.

**52.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

52.05.01 Is-S.E. nforma li ma kienx hemm mistoqsijiet.

**52.06 Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

52.06.01 Cir AKL 2033/014 mingħand l-AKL dwar ECAD *membership* 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza u iddeċieda li ma jipparteċipax.

52.06.02 Korrispondenza Cir AKL 2023/012 mingħand l-AKL dwar *National STEM Community Fund 2023*. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din il-korrispondenza.

52.06.03 Ilment / Suġġeriment mingħand resident dwar iż-*zebra crossing* li hemm fi Triq Dawret it-Torri. Il-Kunsill diġà iddeċieda iktar qabel dwar kif ser jipproċedi rigward din iż-*zebra crossing*.

52.06.04 Suġġeriment mingħand il-Viċi Sindku sabiex jiżdiedu 2 *bollards* ma' dak eżistenti f' Post il-Gladjoli sabiex ma jibqgħux jgħaddu vetturi. Dan is-suġġeriment ġie approvat.

**52.09 Mozzjoni xiri ta' Art għal skop Pubbliku – Frar 2023**

52.09.01 Wara li s-S.E. qara l-mozzjoni li kien irċieva mingħand il-Kunsillier Sciberras, is-Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi ħadd li jissekonda din il-mozzjoni però ħadd ma wieġeb. Is-Sindku għaddiet biex tispjega d-differenza bejn l-iskema tal-€ 10 miljun u dik tas- € 700 miljun li tinkludi x-xiri jew kera ta' art u infurmat li waqt il-laqgħa li hi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellha mas-CEO ta' *Project Green*, kienet semmiet din l-art però s-CEO kien infurmana li l-*policy* għal din l-iskema kienet għadha mhux lesta. Waqt l-interventi tagħhom, il-Kunsillieri kollha għal darb'oħra ikkonfermaw li huma kontra l-iżvilupp fi Triq Katerina Vitale. Din il-mozzjoni ma għaddietx peress li ma kienx hemm sekondant.

**52.10 *Community Greening Grant* – Project Green**

52.10.01 Dan il-punt diġà ġie diskuss f'*item* 52.04.06.

**52.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti 52/23**

52.11.01 L-iskeda ta' Pagamenti 52/23 ġiet approvata unanimament.

**52.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

52.12.01 Il-laqgħa ntemmet fis-7:15 p.m. u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tlieta 21 ta' Marzu 2023 fil-5:30 p.m.

**Konfermati illum it-Tlieta 21 ta' Marzu 2023.**

| | |
|---|---|
| **Charmaine St John**<br>**Sindku** | **Fabian Mizzi**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |